Qorti tal-Appell
(Kompetenza Inferjuri)

Imhallef Anthony Ellul

Appell numru: 304/2006

**Carmelo Cassar (appellant)**

**Vs**

**Mario Zammit personalment u kif ezercjenti l-kummerc taht l-isem ta' Mario Auto Dealer (appellat)**

23 ta' April, 2018.

1. B'rikors prezentat fit-12 ta' Dicembru, 2016 l-attur harrek lill-konvenut fil-Qorti tal-Magistrati (Malta) minhabba li qal li l-vettura li xtara minghand il-konvenut kellha difetti latenti. Skont l-attur dan wassal biex il-vettura ma setatx tinstaq fit-triq minghajr ma jsirulha tiswijiet, li saru bi spiza ta' tmint elef u sitt mitt ewro (€8,600).

2. Fit-tieni eccezzjoni l-konvenut qal li l-azzjoni hi preskritta skont l-artikolu 1431 tal-Kodici Civili.

3. B'sentenza tal-5 ta' Lulju, 2017 il-Qorti tal-Magistrati (Malta) laqat l-ewwel eccezzjoni tal-konvenut li kienu lahqu ghaddew is-sitt (6) xhur li jsemmi l-artikolu 1431(1) tal-Kodici Civili, u ghalhekk ma komplitx tqies it-talba tal-attur.

4. B'rikors prezentat fil-25 ta' Lulju, 2017 l-attur appella fejn isostni li mill-provi jirrizulta li fid-data li fiha pprezenta l-kawza, kien ghadu m'ghaddiex it-terminu ta' sitt (6) xhur kontemplat fl-artikolu 1431(1) tal-Kodici Civili.

5. Fil-11 ta' Awissu, 2017 il-konvenut ipprezenta twegiba fejn ta r-ragunijiet ghalfejn l-appell ghandu jigi michud.

6. Mill-atti jirrizulta li:

   i. In-negozju dwar il-vettura Mercedes MAR303 sar fl-14 ta' Ottubru, 2015.
   ii. Fid-19 ta' Novembru, 2015 il-konvenut sarraf cekk li l-attur tah ghas-somma ta' mitejn ewro (€200) minhabba hsara li zviluppat fil-vettura.

iii. Il-konvenut xehed, *"Nghid li kont ghamilt xi ghaxart ijiem indur biha u meta kont tiela' Hal Luqa beda johrog id-duhhan mill-bonnet… Nikkonferma li n-negozju sar dakinhar li jiena ffirmajt da nil-kuntratt. Mistoqsi meta effettivament kont cempiltlu ma niftakarx pero' naf li kien xi gimaghtejn l-aktar tlieta wara li kont xtrajt il-karozza. **Kien hadni ghand mekkanik gewwa Haz-Zebbug u l-mekkanik qalli li rrid inbidlilha l-magna**. Nghid li effettivament dejjem bdiet taqlaghli l-hsara u kelli nixtrilha magna. Nghid li effettivament kont xtrajt magna gdid xi tmint elef euro u ghandi d-dokumentazzjoni kollha taghha"*.

iv. Fir-rikors promotur stess l-attur iddikjara li ftit granet wara li akkwista l-vettura, *"kienu zviluppaw difetti ta' natura latent konsegwenza ta' liema difetti l-vettura ma kinitx f'kundizzjoni li tista' tintuza fit-triq…."*

v. Fit-12 ta' Dicembru, 2016 l-attur ipprezenta l-kawza.

7. L-artikolu 1431 tal-Kodici Civili jipprovdi:

*"It-terminu ta' sitt (6) xhur allura jibdew jiddekorru mill-gurnata li dan id-difett seta jigi defenittivament mikxuf u mhux mill-gurnata li fih l-attur akkwista l-vettura"*.

8. Mid-deposizzjoni tal-attur hu evidenti li l-ilment tal-konvenut hu li l-hsara kienet fil-magna tal-vettura, tant li jghid li kellu jixtri magna gdida ghall-prezz ta' €8,000. Provi dokumentarji dwar dan ma ressaqx. Madankollu minn kliemu stess jirrizulta li kien f'Novembru, 2015 li gie nfurmat mill-mekkanik li ra l-vettua, li kien hemm bzonn li tinbidel il-magna. Fir-rikors tal-appell, argumenta:

*"Illi s-sitt (6) xhur mitluba mil-ligi f'artikolu 1471 tal-Kodici Civili bdew jiddekorru mid-data meta l-appellant nforma lill-intimat illi fil-vettura meritu tal-kawza hemm problema latenti u **dan meta l-appellant kellu jibdel il-magna tal-vettura li jirrizulta illi kien ghadda hafna zmien u cioe' kienet biss ftit xhur qabel infethet il-kawza u ghaldaqstant zgur illi l-artikolu 1431 ma japplikax**"*.

9. Pero minn dak li xehed il-konvenut ma jirrizultax li l-htiega li tinbidel il-magna rrizulta li *"kienet biss ftit xhur qabel infethet il-kawza"*, izda anzi ftit gimghat wara li akkwista l-vettura. Ghalhekk l-appellant mhuwiex korrett meta qal li, *"… ma jirrizultax illi l-appellant induna bil-problema latenti ezatt wara l-bejgh izda dan 'il fatt kien hafna zmien wara li kien ilu jiehu l-vettura ghand Mario Auto Dealer u jinfurmah illi l-vettura qeghda taghtih l-inkwiet …."* Zgur li meta l-mekkanik gharraf lill-appellant li hemm bzonn li tinbidel il-magna, l-appellant kellu dak li jirreferi ghaliha bhala *"c-certezza objettiva, u mhux is-semplici suspett, tad-difett"*. Taghrif li nghata lill-appellant, skont ma xehed, ftit gimghat wara li sar in-negozju. Ghalhekk l-ewwel qorti qalet sew:

*"Ghalhekk l-attur ma jistax ighid li ma kienx jaf li l-vettura kienet kolpita b'difett u li ma kienx jaf x'inhu d-difett u dan ghaliex kif stqarr hu stess kellu jbiddel il-magna tal-vettura li fil-fatt ghamel u nefaq tmint elef ewro (€8,000) erbata-il xahar qabel ma ghamel it-talba il-Qorti biex jigi rimborzat. Ghalhekk, il-Qorti qeghda tifhem li d-difett gie kkonstatat mir-rikorrenti ftit wara li kien akkwista l-vettura minghand il-konvenut u cioe' sa xahar wara l-akkwist in pessima ipotezi"*.

**Ghal dawn il-motivi tichad l-appell bl-ispejjez kontra l-appellant.**

Anthony Ellul.